MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 436/2005

**ATV Travel Limited**
**C14783**

**Vs**

**John David Farrugia**
**K.I. 73078 M**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' elf mitejn u hamsa w erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,245.50c) rapprezentanti bejgh ta' biljetti ta' l-ajru, akkomodazzjoni f'lukandi w ammonti relatati dovuti oltre ghar-rimbors dwar xiri ta' polza ta' assigurazzjoni relattiva.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut ammetta li kien xtara biljett ta' l-ajru minghand is-socjeta' attrici izda qal li meta siefer ma giex moghti akkomodazzjoni skond dak li kien hallas. Jghid li ghamel oggezzjoni ma' l-istess socjeta' attrici li da parti taghha kienet accettat l-oggezzjoni.  Il-konvenut qal li madanakollu dan ma sarx.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Sean Sullivan li huwa Travel Consultant mad-ditta attrici fejn jikkonferma d-dokumenti esebiti. Jghid li mill-ammont dovut ma thallas xejn.

Jghid ukoll li kien kellem l-*accountant* ta' John David Limited u kien qal illi kien qieghed jistenna xi firem biex jibghat ic-cekk.

Jikkonferma li l-konvenut kien kellmu dwar ilment fuq xi lukanda minnhom. Din kienet *four star hotel*.

Fil-kontro-ezami jghid illi kien missier il-konvenut li ghamel ilment dwar il-lukanda.  Jghid illi jista' jkun li kien offrielu xi skont pero' ma jiftakarx hafna minhabba li dan kien sentejn ilu.

Ra x-xhieda ta' Saviour Farrugia li huwa missier il-konvenut fejn jikkonferma li hu kien ghamel il-*booking* u kien jinnegozja ma' Sean Sullivan.  Jghid illi kien informa lil Sullivan bl-ilment tal-lukanda u kien staqsih ghal skont. Farrugia jghid illi Sullivan kien qallu li ser jikkunsidra l-ilment u fil-kaz kien jaghtihom skont.
Jikkonferma li qatt ma rcieva korrispondenza wara s-safra tal-konvenut.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi kien ghamel ilment ma' missieru fuq il-lukandi.

Fil-kontro-ezami jikkonferma li ma kellux problema bil-biljetti ta' l-ajru ta' l-Alitalia, la bil-biljetti ta' l-Air France u lanqas l-airport taxis.

Ra illi l-konvenut ammetta li ghandu jaghti l-ammont tal-biljetti ta' l-ajru u l-airport taxis inkluzi t-taxxi.

Ra illi l-konvenut naqas milli jipprova l-allegazzjonijiet tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenut filwaqt li jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundana lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' elf mitejn u hamsa w erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,245.50c) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' l-ittra interpellatorja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------